MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Avviz Numru. 109/2015

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 580/15 fl-ismijiet:**

**Borg & Aquilina Limited**

**Vs**

**Bernard Chircop**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Bernard Chircop fit-8 ta' April 2015 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tawtorizzah jaghmel il-kontro-mandat ghall-Mandat ta' Sewkestru Nru. 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" sabiex flusu ma jibqghux iffrizati; u (ii) ticahd kwalunkwe talba ghal zbank mis-socjetà Borg & Aquilina Ltd. ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 12 u 13 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Borg & Aquilina Limited permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda stante li: (i) in linea preliminari il-ligi tistabilixxi procedura specifika li ghandha tigi segwita minn persuna li kontra taghha jinhareg Att Ezekuttiv u li tixtieq titlob it-thassir ta' l-istess Mandat u dan a tenur ta' l-Artikolu 281(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li jista' jintalab it-thassir ta' Mandat ghal raguni valida skond il-Ligi u ghalhekk it-talba *sui generis* tar-Rikorrent "biex jigi awtorizzat iressaq kontro-mandat" mhix wahda prevista fil-ligi w allura l-procedura odjerna mhix procedura idonea; (ii) fil-meritu, is-socjetà taqbel li saru zewg pagamenti fil-mori tal-kawza, liema pagamenti jkopru s-sorte u ghalhekk ma ghandhiex interess li l-Mandat in kwistjoni jibqa' fis-sehh sa fejn jirrigwarda s-

sorte w ipprezentat Nota ta' Riduzzjoni relattiva. Madanakollu però ghadhom ma thallsux l-ispejjez, inkluzi l-ispejjez giudizzjarji relatati ma' l-ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-interessi u ghalhekk il-Mandat in kwistjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghal dak li jirrigwarda dawn l-ispejjez u imghaxijiet; (iii) ma ghandhiex tehel l-ispejjez tal-Mandat, ghalkemm huwa koncess li qabel l-ipprocessar tieghu thallas parti mill-bilanc, peress illi r-Rikorrent hallas il-bilanc wara li rcieva l-Mandat, filwaqt li l-ispejjez u l-imghaxijiet ghandhom pendenti sa' llum;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sewkestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" annessi ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni pprezenata mis-socjetà Intimata permezz ta' liema iddikjarat li s-sorte ammontanti ghal €712.40 thallas mir-Rikorrent fil-mori tal-kawza, izda zzomm ferm it-talba ghall-imghax u spejjez kollha;

Semghet ix-xhieda moghtija mir-Rikorrent, minn Helen Chircop u minn Mandy Mercieca waqt is-seduta tat-23 ta' April 2015 u rat id-dokumenti esebiti mill-intimat u minn Helen Chircop waqt l-imsemmija seduta;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob l-awtorizzazzjoni sabiex johrog kontro-mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" ghall-fini li flusu ma jibqghux issekwestrati u jitlob ukoll li tigi michuda kwalunkwe talba ghal zbank maghmula mis-socjetà Intimata. Huwa jibbaza t-talba tieghu fuq is-segwenti premessi: *illi huwa kellu debitu ta' €712.40 mas-socjetà Borg & Aquilina Ltd. Illi sar ftehim bejn ir-rikorrent u l-istess kumpanija sabiex dan l-ammont jithallas f'zewg pagamenti u fil-fatt giet imhallsa is-somma kollha ta' €712.40 f'zewg pagamenti, wiehed ta' €212.40 fis-16 ta' Marzu 2015 u l-ammont ta' €500 fis-27 ta' Frar 2015. Illi minkejja li sar dan il-hlas u ghalhekk l-obbligazzjoni giet estinta, is-socjetà odjerna xorta harget il-Mandat ta' Sekwestru 'l fuq imsemmi. Illi s-socjetà Borg & Aquilina Ltd. naqset li tohrog il-kontro-mandat relattiv ghax tippretendi li tithallas tal-Mandat ta' Sekwestru meta dan hareg b'mod intempestiv wara li kien sar qbil dwar il-modalità tal-hlas korroborat bil-hlas effettiv.*

Is-socjetà Intimata topponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti in kwantu: (i) in linea preliminari t-talba tar-Rikorrenti ma hijiex in konformità ma' dak provdut fl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-procedura minnu istitwita ma hijiex dik idonea; u (ii) fil-meritu, ghalkemm il-hlas tas-sorte qed jigi rikonoxxut, tant illi fil-mori ta' dawn il-proceduri giet ipprezentata Nota ta'

Riduzzjoni relattiva, ir-Rikorrent ghad irid ihallas l-imghaxijiet u l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali mahruga kontra tieghu a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-ispejjez relattivi ghall-Mandat ta' Sekwestru peress illi huwa hallas ir-rimanenti bilanc mis-sorte wara li sar jaf bil-Mandat in kwistjoni u xorta ghadu ma hallasx l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi indirizzata hija dik ta' natura preliminari sollevata mis-socjetà Intimata u cioè li t-talba tar-Rikorrent sabiex jigi awtorizzat johrog kontro-mandat ghall-Mandat ta' Sewkestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" ma hijiex prevista fil-Ligi u allura ma hijiex il-procedura idonea li kellha tigi minnu istitwita fir-rigward ta' l-imsemmi Mandat.

Jibda biex jigi osservat li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" huwa Mandat Ezekuttiv li nhareg wara li l-ittra ufficjali mahruga mis-socjetà Intimata kontra r-Rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1857/14 datata 4 ta' Settembru 2014, giet reza ezekuttiva. Id-disposizzjoni tal-Ligi li tittratta dwar kif atti ezekuttivi jistghu jigu attakkati tinsab enuncjata fl-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li fis-subartikolu (1) jipprovdi li *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-Ligi.*

Is-socjetà Intimata tikkontendi li t-talba tar-Rikorrent ma hijiex in konformità ma' dak provdut fl-imsemmi Artikolu tal-Ligi u konsegwentement li l-procedura minnu istitwita ma hijiex idonea ghaliex flok ma talab li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni jithassar, talab, *inter alia*, li jigi awtorizzat *jaghmel il-kontro-mandat relattiv biex flusu ma jibqghux iffirizati*. Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm ir-Rikorrent seta' ifformula t-talba tieghu b'mod iktar akkurat, ossia li jitlob it-thassir tal-Mandat in kwistjoni u l-konsegwenti hrug tal-kontro-mandat opportun, ma jistghax jinghad li l-procedura minnu istitwita bir-Rikors ipprezentat fit-8 ta' April 2015 ma hijiex procedura idonea ai termini tal-Ligi. Ladarba r-Rikorrent qed jitlob il-hrug tal-kontro-mandat opportun, jew ahjar li jigi awtorizzat johrog il-kontro-mandat opportun ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop", huwa evidenti li implicitament qed jitlob it-thassir ta' dak il-Mandat. B'hekk, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Intimata, jigi ribadit li l-Qorti ma tqisx li l-procedura istitwita mir-Rikorrent ma hijiex procedura idonea ai termini tal-Ligi.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa li t-talbiet tar-Rikorrent jigu kkunsidrati fil-meritu.

Qabel xejn il-Qorti tosserva li huwa ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li, kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet wara r-**Rikors Nru. 633/11 fl-Atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 118/11 fl-imsijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. v. Doris Conchin** moghti fit-28 ta' Lulju 2011: *l-ghan li ghalih iddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-Legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti mir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra. Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali jista' jinghad li Mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju fl-artikolu 836 li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju. Illi l-istharrig li din il-Qorti trid taghmel dwar it-talba mressqa quddiemha ghandu jkun wiehed fil-parametri stretti ta' l-azzjoni kif proposta. Xoghol il-Qorti f'din il-procedura huwa li tara li taghmel haqq mal-partijiet ghaliex wara kollox, fi procedura bhal din, ikun hemm dejjem xi titolu ezekuttiv (bhal sentenza, taxxa gudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istharrig li jmissha taghmel fi procedura bhal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' revizjoni ulterjuri ta' l-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha toqghod b'seba' ghajnejn biex ma thallix kwestjoni dwar Mandat mahrug minn Qorti tinbidel fi kwistjoni ta' ftuh mill-gdid tal-mertu jew billi thalli li jiddahhlu fin-nofs kwestjonijiet ohrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis il-mottiv li jkun wassal lil xi hadd biex jitlob il-hrug ta' Mandat m'ghandux, bhala regola, ikun raguni biex il-Qorti tistharreg is-siwi tieghu. Dan jinghad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wiehed ezekuttiv imsejjes fuq titolu li jkun ezegwibbli. Illi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti ezekutata tghid li l-Mandat ma jghoddx ghaliex inhareg qabel waqtu, u ghalhekk m'huwiex skond il-ligi. Dan l-argument ma jolqotx is-siwi formali ta' l-att giudizzjarju fih innifsu li bih intalab il-hrug tal-Mandat, izda l-kwestjoni tat-tempestività tieghu.*

Fil-kaz in ezami r-Rikorrenti ma huwiex qed jikkontesta l-mertu fih innifsu ghaliex jirrikonoxxi li s-socjetà Intimata harget ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kontrih, liema ittra giet debitament notifikata lilu, u jirrikonoxxi wkoll li l-ammont pretiz bhala sorte f'dik l-ittra – ammontanti ghal €712.40 – kien dovut, tant illi hallas dak l-ammont permezz ta' zewg pagamenti, wiehed ta' €500 u l-iehor ta' €212.40. Il-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda appuntu t-tempestività ta' dak il-Mandat

ghaliex jikkontendi li peress illi kellu ftehim mas-socjetà Intimata dwar il-modalità tal-hlas ta' l-ammont dovut u tali hlas kien qed isir, allura hi qatt ma messha harget dak il-Mandat kontrih. Mill-provi prodotti però tirrizulta realtà differenti minn dik esposta mir-Rikorrent.

Ghalkemm fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jallega li *sar ftehim bejn ir-rikorrent u l-istess kumpanija sabiex dan l-ammont* [ossia l-ammont ta' €712.40] *jithallas f'zewg pagamenti u fil-fatt giet imhallsa s-somma kollha ta' €712.40 f'zewg pagamenti, wiehed ta' €212.40 fis-16 ta' Marzu 2015 u l-ammont ta' €500 fis-27 ta' Frar 2015*, in verità ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet kontendenti dwar il-modalità u l-perijodu tal-hlas.

Mix-xhieda tar-Rikorrent stess u ta' ommu Helen Chircop jirrizulta li wara li **fit-3 ta' Novembru 2014** ir-Rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12, bis-sahha ta' liema gie interpellat ihallas is-somma ta' €712.40 flimkien ma' l-imghax legali bir-rati kummercjali ai termini tal-Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjez giudizzjarji u s-somma ta' €59 fi spejjez *extra-gudizzjarji* u VAT relattiva, tramite l-Avukat tieghu b'ittra datata **19 ta' Novembru 2014** gharraf lis-socjetà Intimata li *minghajr pregudizzju lest li jiltaqa' maghkom sabiex tiftehmu modalità kif ihallas dak li hu dovut lilkom*. Minkejja dak propost fl-ittra in kwistjoni r-Rikorrent ma ippruvax jaghmel inkontru mas-socjetà Intimata u kien biss fis-**27 ta' Frar 2015,** ossia ftit iktar minn tlett xhur wara, li ommu marret teffetwa hlas akkont ta' €500. Fil-frattemp, u senjatament fis-**17 ta' Dicembru 2014**, u cioè qabel ma gie effettwat ebda hlas, ai termini tal-Ligi l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva u ghalhekk is-socjetà Intimata kellha titolu ezekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent. Fis-**6 ta' Marzu 2015**, ossia meta kien ghad hemm parti mill-bilanc pretiz ghadu pendenti, is-socjetà Intimata pprezentat Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kontra r-Rikorrent, ghas-sorte ta' €712.40, ghall-imghax konteggjat mill-4 ta' Settembru 2014 sad-data tal-prezentata tal-Mandat ta' €28.57 u ghall-ispejjez ta' €341.81, liema talba giet milqugha fil-**11 ta' Marzu 2015**. Ghalkemm ir-Rikorrent baqa' mhux notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru, l-istess gie notifikat lis-sekwestratarji fit-**12 ta' Marzu 2015** u fis-**16 ta' Marzu 2015** omm ir-Rikorrent marret l-ufficcju tas-socjetà Intimata u hallset is-somma ta' €212.40 izda meta mitluba thallas l-ispejjez, inkluzi tal-Mandat, fi kliema stess *jiena dawwart denbi u tlaqt lejn id-dar dakinhar*.

Fid-dawl ta' din is-sekwenza ta' fatti l-Qorti ma tqisx li l-hrug tal-Mandat ta' Sewkestru bin-Numru 580/15 ottenut mis-socjetà Intimata fil-konfront tar-Rikorrenti kien intempestiv. Del resto kif gustament osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet iktar 'l fuq imsemmi wara r-Rikors Nru. 633/11 fl-Atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 118/11 fl-imsijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. v. Doris Conchin: *il-ligi tuza zminijiet qosra fir-rigward ta' l-ezekuzzjoni ta' kull titolu ezekuttiv* – Artikoli 255 u 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – *u mkien ma johrog li il-ligi trid li l-esekuzzjoni ta' titoli bhal dwak trid tiddewwem bl-istennija ta' xhur shah qabel ma tkun tista' tintalab.*

Apparte minn hekk, fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-provi prodotti l-Qorti ma tqisx li hemm raguni valida – salv ghal dak li se jinghad dwar is-sorte ta' €712.40 – in bazi ghal liema l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ghandu jithassar. Fir-rigward tas-sorte jigi osservat li mill-provi prodotti jirrizulta car – fatt dan del resto mhux kontestat mis-socjetà Intimata – li s-somma ta' €712.40 thallset u dana permezz ta' pagament ta' €500 fis-27 ta' Frar 2015 u pagament iehor ta' €212.40 fis-16 ta' Marzu 2015, ossia wara l-hrug tal-Mandat. L-istess socjetà Intimata ddikjarat li ma ghandha l-ebda interess li l-Mandat in kwistjoni jibqa fis-sehh safejn jirrigwarda s-sorte u anke pprezentat Nota ta' Riduzzjoni f'dan is-sens. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" ghandu jithassar limitatament ghas-sorte fl-ammont ta' €712.40 izda ghandu jibqa' fis-sehh u in vigore ghall-imghaxijiet u spejjez sakemm dawn effettivament jithallsu mir-Rikorrent.

Il-Qorti tosserva li r-Rikorrent ressaq talba ohra apparte t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat relattiv ghall-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, u cioè t-talba sabiex il-Qorti tichad kwalunkwe talba ghal zbank mis-socjetà Borg & Aquilina Ltd. ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, liema talba però ma saret l-ebda referenza ghaliha u wisq inqas sottomissjoni dwarha la mir-Rikorrent u lanqas mis-socjetà Intimata. Ghalkemm it-talba donnha giet injorata kemm mir-Rikorrent kif ukoll mis-socjetà Intimata l-Qorti tosserva illi fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tiehu konjizzjoni taghha u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) fl-ewwel lok tali talba tista' tigi kkunsidrata biss fil-kuntest ta' talba ghal zbank da parte tas-socjetà Rikorrenti; u (ii) fit-tieni lok fid-dawl ta' dak appena konkluz dwar il-pretensjonijiet tar-Rikorrent fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru meritu ta' dawn il-proceduri ma hemmx lok li l-Qorti tidhol fil-meriti ta' tali talba.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti: (i) thassar il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 580/15 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited v. Bernard Chircop" **limitatament** ghas-sorte fl-ammont ta' €714.20 izda l-istess Mandat ghandu **jibqa' fis-sehh u in vigore** ghal dak li jirrigwarda l-imghaxijiet u l-ispejjez; u (ii) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba avvanzata mir-Rikorrent fir-Rikors ipprezentat fit-8 ta' April 2015.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha konnessi ma' dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------